MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2006

Numru. 5/2004

**Il-Pulizija**

**Supretendent Neil Harrison**

**V**

**FRANCIS AXIAQ**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **FRANCIS AXIAQ** ta' erbgha w tletin sena, bin Augustine u Mikelina nee Cauchi, imwieled Victoria Ghawdex nhar l-erbgha w ghoxrin ta’ Dicembru 1969 u residenti Triq t-Torri, San Lawrenz, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 1270G, gie mressaq quddiemha akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer fl-ghaxra ta’ Jannar 2001 u matul dawn l-ahhar sena u nofs qabel din d-data, b’diversi

atti maghmulin minnu fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjnonijiet tal-ligi;

a. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga Eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, lil persuna jew persuni jew ghal uzu ta' persuna jew persuni minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghal Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) jew minn xi awtorita moghtija mill-President ta’ Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess t’awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond d-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xorta ohra awtorizzat li jimmanufattura jew jforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regola 1939 ghall-Kontroll Intern tad Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

b. Talli kellu fil-pussess tieghu d-droga Eroina, specifikata fl-ewwel taqsima tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond d-disposizzjonijiet tar-raba w s-sitt taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanufattura jew jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova lid-droga msemmija giet fornuta lilu ghal uzu tieghu skond r-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament numru tmienja tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f’tali cirkostanzi li juru li ma kienetx ghal uzu personali tieghu;

c. Talli f'Jannar 2002 u matul x-xhur qabel din d-data, biegh jew xort'ohra ttraffika fir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew f'xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din r-raza;

d. Talli kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis;

e. Talli sar recidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Appel datata hamsa w ghoxrin ta' Marzu 1994 u sentenza ohra moghtija mill-Qorti tal-Magistrati [Malta] (Awla A0 nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Settembru 1992.

II-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond l-ligi tordna lil imputat jhallas l-ispejjes li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-fiat tal-Avukat Generali mahrug fit-tletin ta' Jannar 2004 bis-sahha tal-artikolu 22(2) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi [Kap 101] sabiex l-imputat jwiegeb ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu ghall-ksur tal-provvediment tal-istess Ordinanza [fol 5].

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti nkluz l-process verbal redatt mill-Magistrat Sedenti Dottor Consuelo Scerri Herrera nhar l-hdax ta' Gunju 2002 [fol 11 et seq] kif wkoll vera kopja fotostatika ta' process verbal redatt mill-Magistrat Dottor Antonio Mizzi nhar t-tmienja ta' Ottubru 2002 rigwardanti xhieda ta' Raymond Azzopardi [fol 53 et seq].

Semghet ix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni u dawk prodotti mid-difiza.

Rat s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati [Malta] per l-allura Magistrat Dottor David Scicluna nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Settembru 1992 fil-konfront tal-imputat odjern w ohrajn mmarkata bhala dokument NH 2, [fol 30] w s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Marzu 1994 fil-konfront tal-imputat odjern mmarkata bhala dokument NH 3 [fol 34].

Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta tal-erbgha ta’ Mejju 2006.

Ikkunsidrat:

Illi nhar l-ewwel ta’ April 2004 **xehed s-Supretendent Neil Harrison** [fol 26] fejn qal li matul Mejju 2002 kienu gew arrestati diversi persuni minn Ghawdex in konnessjoni ma pussess u traffikar ta’ droga. Qal li fl-ghoxrin ta’ Mejju 2002 kienu ghamlu search ghand l-imputat li rrizultat fin-negattiv, pero xorta kien baqa jigi nvestigat.

Qal li hu kellem l-ewwel darba lil imputat nhar l-ghoxrin ta’ Mejju 2002 fil-presenza ta’ PS 536 Jason Caruana u fl-istqarrija li rrilaxxja kien qal li l-ahhar li kien ghamel uzu mill-Eroina kien Ottubru 2001. Kien semma persuna li kien jixtri minghandu u cioe lil Leli, mlaqqam l-Kamajju u semma li minghandu kien jixtri certi kwalitajiet ta’ droga. Zied jghidlu li mid-droga li kien jixtri minghandu, gieli biegh minnha sa sitt pakketti qratas kuljum f’Ghawdex. Qal li kien staqsih kienx ibiegh Cannabis pero huwa cahad. Qal li din l-istqarrija fil-fatt kien ikkonferma l-Qorti quddiem il-Magistrat Sedenti. Kompla jghid li fis-sitta w ghoxrin ta’ Mejju 2002, hu kien rega’ kellem lil imputat fil-presenza ta’ PS 536 Jason Caruana fejn hadlu stqarrija li esibixxa bhala dokument NH. Ix-xhud ikkonferma l-firma tieghu, dik ta’ PS 536 Jason Caruana u tal-imputat fuqha.

Ix-xhud gie muri l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat u cioe d-dokument CSH esibit a fol 20 tal-atti datata ghoxrin ta’ Mejju 2002, fejn gharaf l-firma tieghu fuqha, dik ta’ PC 213 Nicolai Borg u tal-imputat. Esibixxa wkoll sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati [Malta] fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur John Mifsud) v Franco sive Frankie Axiaq u Anouk Carbonese moghtija mill-allura Magistrat Dottor David Scicluna nhar t-tmienja w ghoxrin ta’ Settembru 1992 li giet mmarkata bhala dokument NH, u sentenza ohra moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hamsa w ghoxrin ta’ Marzu 1994 fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur

Joseph Grech) v Frankie Axiaq, liema sentenza giet mmarkata bhala dokument NH 3.

Illi nhar l-erbgha ta' Awissu 2005 **rega' xehed s-Supretendent Neil Harrison** [fol 85] fejn, mistoqsi jekk ghamilx investigazzjoni dwar dak li allega l-imputat fl-istqarrija dwar xi flejjes foloz, ix-xhud wiegeb li ghamel u din kienet giet michuda minn PS 1407 Frank Portelli li huwa l-persuna li kien kellem fl-investigazzjoni. Mistoqsi jekk kellimx xi persuna li effettivament hadet dawn l-flejjes l-ghassa, ix-xhud wiegeb li ma jidhirlux li l-imputat kien semma xi persuna w ghalhekk m'investigax. Qal li kien iccekkja l-ghassa jekk kienux gew depositati xi flus u ma jidhirlux li kien hemm xi rapport dwar dan. Qal li hu lest li jinvestiga lil xi persuna li gabet xi flus l-ghassa jekk isimha jinghatalu.

Illi nhar l-ewwel ta' April 2004 **xehed PS 536 Jason Caruana** [fol 40] fejn ikkonferma l-istqarrija esibita fl-atti bhala dokument NH 1 [fol 28] rilaxxjata nhar s-sitta w ghoxrin ta' Mejju 2002 mill-imputat odjern li gharaf presenti fl-awla. Qal li l-imputat kien gie moghti s-solita twissija qabel ma rrilaxxja din l-istqarrija. Ikkonferma l-firma tieghu, dik tas-Supretendent Neil Harrison kif wkoll tal-imputat fuq kull faccata taghha.

Illi nhar l-ewwel ta' April 2004 **xehed PC 213 Nicolai Borg** [fol 42] fejn ikkonferma l-istqarrija esibita fl-atti bhala dokument CSH [fol 20] rilaxxjata mill-imputat odjern li gharaf presenti fl-awla nhar l-ghoxrin ta' Mejju 2002. Qal li l-imputat kien gie moghti s-solita twissija qabel ma rrilaxxja din l-istqarrija. Ikkonferma l-firma tieghu, dik tas-Supretendent Neil Harrison kif wkoll tal-imputat fuq kull faccata taghha, liema stqarrija tikkonsisti f'erbgha faccati.

Illi nhar l-wiehed w ghoxrin ta' Lulju 2005 **xehed l-Ispettur Antonello Grech** [fol 76] fejn qal li fiz-zmien l-imputat odjern kien *pusher* u llum il-gurata huwa gieli tani informazzjni w gheni f'certu investigazzjonjiet u gieli nvestigah wkoll. Qal li l-informazzjoni li l-imputat gieli tah kienet wasslitu ghal qbid ta' droga. Ix-xhud qal li jiftakar l-incident in dezamina u cioe li kienet gejja kilo kokaina

minn Malta u kellhom jiltaqghu l-Yacht Marina tal-Imgarr u fuq informazzjoni moghtija mill-imputat lilu, mar hemmhekk biex jipprova jwaqqaf din l-attivita. Qal li dakinhar il-karozza saqet ghal fuq l-pulizija, huma sparaw u qabdu lil malviventi x-Xewkija pero droga ma kienux sabu.

Id-difiza resqet diversi xhieda jixhru pero l-Qorti tinnota li dawn ma xehudx fuq l-akkuzi odjerni izda dwar investigazzjoni ohra dwar pussess ta' flus li kienu foloz w ghalhekk tali xhieda mhux relevantighal kaz odjern.

Illi nhar l-wiehed w ghoxrin ta' Lulju 2005 **xehed PS 1407 Frank Portelli** [fol 77] fuq talba tad-difiza, fejn qal li l-imputat odjern huwa *informer* tal-pulizija. Qal li darba minnhom iltaqa mal-persuna murija a fol 19 tal-atti, wara li kien laqqghu mieghu l-imputat fuq informazzjoni ta' droga. Qal li verament kienu nstabu xi flejjes foloz ghand l-imputat u kien nbdew proceduri fil-konfront tieghu u kien wara li l-imputat beda jghin lil pulizija. Cahad dak li qal l-imputat li l-imsemmija flus foloz kien tahomlu hu. Spjega li dak li qal l-imputat fil-konfront tieghu fl-istqarrija tieghu, kien falz. Qal li hu kien ipprova jghin lil imputat billi hadu l-Oasis. Cahad li qatt hadlu xi klamari. Qal li hu kien iltaqa mal-Kamajju u kien gab d-droga f'xi party li ma kienx jiftakar fejn kien sar. Qal li l-persuna li kellha tmur, effettivament ma kientx marret u kien mar l-imputat w ghaddielu xi nformazzjoni. Qal li l-imputat kien mar ghandu darbtejn, darba wahdu u darb'ohra mal-Kamajju. Zied jghid li l-garaxx tieghu jinsab taht d-dar u l-imputat kien mar jkellmu d-dar. Ix-xhud pero ma ftakarx fuq x'hiex kien mar ikellmu l-imputat.

Illi nhar t-tnejn ta' Frar 2002 **rega' xehed PS 1407 Frank Portelli** [fol 97] fuq talba tad-difiza, fejn ikkonferma li Mario Schembri kien tah l-flus li kienu foloz u jekk mhux sejjer zball kien tahomlu fil-bitha tal-ghassa tan-Nadur. Qal li kienu mitwijin fuq xulxin u gew moghtija lilu jew f'gazzetta jew f'envelopp, pero ma kienux romblu. Qal li hu ma kienx ghaddhom dak l-hin, kien ghaddhom wara u kien hemm erbgha karti u wara kien qeghdhom fl-iskrivanija. Qal li ma kien ghamel xejn bihom, kien

hallihom hemmhekk. Qal li hu ma kienx cert jekk kienux foloz jew le u dan kien f'Awissu jew bidu ta' Settembru 1999. Qal li ma nizzilx rapport ghaliex Mario Schembri kien qed jibza w insista mieghu biex ma jghamilx rapport. Qal li hu kien jaf lil Mario Schembri qabel. Qal li l-flus damu hafna f'dan il-kexxun u kien haraqhom zmien wara fil-bitha tal-ghassa.

Kompla jghid li kien hemm x'incident fejn kien hemm involut certu Charles Grech, illum mejjet, dwar xi flus foloz u dan il-kaz kien f'idejn l-Ispettur Paul Vassallo. Apparti dan l-incident u dak in dezamina, ma kien jaf b'ebda incident iehor rigwardanti flus foloz. Qal li hu ma nforma lil hadd li kien haraq l-flus foloz, lanqas lil Martin Vella. Qal li hu kemm il-darba pprova ghen lil imputat dwar il-problema li kellu. Zied jghid li Mario Schembri kien mar ghandu xi darba biex jaghtih x'informazzjoni. Qal li anke huh, li llum jinsab l-Amerika, kien imur ghandu u darba anke bieghlu karozza. Qal li dwar l-incident in kwsitjoni, d-demominazzjoni tal-flus kien ta' ghoxrin lira. Qal li Mario Schembri kien mar ghandu peress li jafu u ma jafx li dan kien ghamel xi rapport. Zied jghid li hu kien involut f'*search* fir-residenza tal-imputat u hemmhekk kienu sabu xi droga u flus foloz f'kamra fuq d-dar tieghu. Qal li ma kienx hu li tah l-flus foloz, u ma kienux l-istess flus li kien tah Mario Schembri. Qal li t-tfittxija li saret ghand l-imputat saret f'Gunju 1999, qabel ma Mario Schembri ghaddielu l-flus. Qal li l-kaz ta' Charles Grech kien bejn 1996 u 1998, meta kien hemm d-dwana miftuha fil-Yacht Marina. Qal li hu ma hax sehem fit-tfittxija li saret. Cahad dak li qal Frankie u cioe li hu qallu li kien semma l-kaz lil avukat tieghu. Qal li ma kienx veru li hu kien qal lil imputat li sab xi flus foloz fuq il-persuna tal-imputat u li l-imputat kien *informer* tal-pulizija. Zied jghid li hu qatt ma ta flus lil imputat biex imur jixtri d-droga ghalih jew ghal haddiehor.

Id-difiza ressqet wkoll s-segwenti membri tal-Korp tal-Pulizija jixhdu.

Illi nhar l-erbgha ta' Awissu 2005 **xehed l-ex PS 812 Salvu Spiteri** [fol 80] fejn qal li hu ma kienx ghadu fil-Korp

tal-Pulizija u li qatt ma kien involut f'xi nvestigazzjoni dwar flus foloz.

Illi nhar l-erbgha ta' Awissu 2005 **xehed PC 883 Paul Azzopardi** [fol 81] fejn qal li hu qatt ma ppartecipa f'xi nvestigazzjoni dwar flus foloz.

Illi nhar l-erbgha ta' Awissu 2005 **xehed Joseph Piscopo** [fol 82] fejn qal li hu ma kienx ghadu fil-Korp tal-Pulizija u li kien igib in-numru PC 1365 qabel. Qal li hu sakemm dam fil-korp tal-pulizija qatt ma kien involut f'xi nvestigazzjoni dwar flus foloz.

Illi nhar l-erbgha ta' Awissu 2005 **xehed PC 1371 Alfred Grech** [fol 83] fejn qal li hu ma jaf b'ebda kaz fejn gew moghtija lilhom bhala Pulizija xi flejjes foloz ghalkemm gieli nvestiga xi tfal zghar li kellhom xi flus foloz. Qal li hu ma jaf b'ebda kaz fejn PS 1407 Frank Portelli nghata xi flejjes foloz u sussegwentement inghataw l-ghassa.

Illi nhar l-erbgha ta' Awissu 2005 **xehed PC 1759 Emanuel Zammit** [fol 84] fejn qal li hu qatt ma kien involut f'xi nvestigazzjoni ta' xi flus foloz u lanqas ma kien ma jaf b'xi kaz fejn gew moghtija xi flejjes foloz lil PS 1407 Frank Portelli.

Illi nhar d-disgha ta' Settembru 2005 **xehed ex PC 982 Martin Vella** [fol 87] fejn qal li hu ma kienx ghadu membru fil-korp tal-pulizija u meta kien membru kien stazzjonat s-CID. Qal li mieghu dak z-zmien kien hemm PS 1407 Frank Portelli u PC 1365 Joseph Piscopo. Qal li kien hemm xi zmien meta kienu jaghmlu xi *searches* dwar droga u flus foloz. Zied jghid li darba minnhom kien mar certu Mario Schembri u lil PS 1407 Frank Portelli tah xi flus. Qal li hu ma jistax jghid jekk l-flus li ircieva PS 1407 Frank Portelli kienux foloz jew le. Qal li Mario Schembri kien sabhom go *shaft* u kienu gew mitfugha minn persuni li kien ser sar *search* ghandhom. Zied jghid li fil-flat ta' fuq kien jghix libjan li jilghab l-*football* Ghawdex. Qal li hu kien ma PS 1407 Frank Portelli meta Mario Schembri tah il-flus u is-Surgnet poggihom fil-*locker* tieghu. Qal li huma ma tawx ricevuta lil Mario Schembri dak il-hin zgur, pero jekk PS 1407 Frank Portelli tahx, ma setghax jghid.

Mistoqsi x'sar minnhom dawk l-flus ix-xhud wiegeb li ma kienx jaf u qatt ma kien staqsa x'sar minnhom. Qal li l-flus kienu romblu, f'karti ta' ghoxrin lira u fuqhom hu qatt ma ghamel xi nvestigazzjoni. Mistoqsi jekk dawk l-flus intuzawx x'imkien iehor, x-xhud wiegeb li ma kienx jaf. Qal li l-post fejn ghamlu r-raid kien in-Nadur. Qal li dakinhar li marru jaghmlu r-raid, ma fethux u kien dakinhar li Mario Schembri, li joqghod ftit l' isfel minn fejn kienu marru jaghmlu r-raid li hareg, u tahom l-flus. Qal li Mario Schembri jahdem bhala kok Ta' Frenc.

Illi nhar t-tnejn ta' Frar 2006 rega' **xehed ex PC 982 Martin Vella** [fol 96] fejn ghamel referenza ghax-xhieda precedenti tieghu fejn qal li kien hemm romblu, ried ifisser li ma kienx jaf kemm effettivament kien hemm karti ta' flus qal li kellhom diametru ta' cirka pulzier. Qal li jekk jiftakar korrettement, Mario Schembri kien tahomlom fil-post fejn kien joqghod hu ghalkemm qal li lil pulizija tahomlhom l-ghassa u Frank Portelli kien ghamilhom fil-kexxun tal-iskrivanija taghhom l-ghassa. Qal lil-imputat odjern ma kienx *informer* tieghu u fil-fatt l-imputat dak iz-zmien kien jibza minnu w ghalhekk qatt m'avvicinah. Qal li hu qatt ma jaf li kien hemm xi hadd li tah l-flus biex hu jmur jixtri d-droga.

Illi nhar d-dsigha ta' Settembru 2005 **xehed PS 1464 Michael Portelli** [fol 89] fejn qal li hu ilu jahdem s-CID sbatax il-sena u nofs. Qal li darba fost l-ohrajn hu kien ra xi flus fil-kexxun tas-Surgent. Qal li huma kellhom locker bi tlett ikxaxen li jinfethu b'cavetta wahda u l-flus kienu fil-kexxun ta' PS 1407 Frank Portelli. Qal li kellu tmenin lira mgezwrin go gazzetta. Qal li hu kien fetah il-gazzetta biex jara f'kien fiha u ra l-imsemmija flus, li fil-fehma tieghu kienu foloz. Qal li kienu flus li bhalhom kien gabar f'okkazzjonijiet precedenti. Qal li hu ma kellimx lil PS 1407 Frank Portelli dwarhom ghaliex haseb li kienu flus li kien qed jaghmel investigazzjoni dwarhom hu. Qal li lilu hadd ma kellmu dwar dawn il-flus, lanqas PS 1407 Frank Portelli. Qal li l-flus kien sabhom fil-*locker* ta' PS 1407 Frank Portelli wara li l-imputat kien gie mressaq l-Qorti dwar dan il-kaz. Mistoqsi meta kien il-kaz tal-imputat odjern Axiaq, ix-xhud wiegeb li ma kienx jaf. Mistoqsi mill-

prosekuzzjoni jekk kienx iccekkja kellhomx l-istess serial number, x-xhud wiegeb li ma ccekkjax.

Illi nhar t-tnejn ta’ Frar 2006 **xehed Mario Schembri** [fol 94] fejn qal li hu jahdem bhala kok f’Ta Frenc Restaurant. Qal li xi zmien ilu kien jara xi pulizija fejn d-dar tieghu u kien staqsa ghaliex, pero hadd qatt ma qallu. Qal li fuqu kienu joqghodu xi nies ta’ nazzjonalita Gharbija u kienu jinbidlu sikwit. Qal li darba minnhom wara x-xoghol hu kien d-dar biex jistrieh, filwaqt li ibnu kien fil-bitha jsaqqi u mar fuqu t-tifel u qallu ‘dawn tieghek’ u tah pakkett. Qal li hu fethu u sab li kienu flus, li fil-fehma tieghu kien foloz ghaliex in-numri fuqhom kienu l-istess. Qal li kienu godda fjamanti u kienu bejn tlieta u hames karti tal-ghoxrin lira. Qal li dawn gew mwaddbin wara l-qsari fil-bitha tieghu.

Zied jghid li wara cempel l-ghassa u kien kellem aktarx lis-Surgent Frankie u qallu biex johodhomlu l-ghassa. Qal li qallu li ma kienx sejjer l-ghassa ghaliex beza’ mill-Gharab li jistghu jaghtuh xi xebgha u talbu biex ma jaghmilx rapport. Qal li hu rega’ mar lura x-xoghol u hadhom mieghu u kien mar s-Surgent Portelli u tahomlu. Qal li dan kollu gara ‘l fuq minn hames snin ilu. Qal li l-pulizija kienu baghtu ghalih aktar minn darbtejn u l-ewwel darba tahom verzjoni u sussegwentement tahom verzjoni ohra. Qal li fl-ewwel okkazzjoni qalilhom li ma hadhomx hu lil pulizija, imma t-tifel, u fit-tieni okkazzjoni qalilhom l-verita u cioe li kien ghaddihom lil PS 1407 Frank Portelli. Qal li hu kien cempel lil PS 1407 Frank Portelli peress li kien jafu. Kompla jghid li dan kien qallu li kien ser jghaddihom lil ta’ fuqu. Qal li hu ma xtaq jidher imkien u lanqas ricevuta ma kien talab lis-Surgent u fil-fatt ma kien tah ebda informazjoni fuqu.

Ikkunsidrat:

Illi minn ezami tal-istqarrija rilaxxjata mill-imputat nhar l-ghxorin ta’ Mejju 2002 [dokument CSH a fol 20] liema stqarrija l-imputat ikkonferma quddiem l-Magistrat tal-ghassa, l-imputat ikkonferma li kien jiehu d-droga almenu sax-xahar ta’ Ottubru 2001 fl-ammont konsiderevoli ta’ tlett jew erbgha pakketti kuljum, u dan ghal perjodu ta’

sentejn. Ametta wkoll li kien jiehu d-droga haxixa sa xi sentejn qabel x-xahar ta' Mejju 2002.

Illi l-imputat ikkopera pero mal-prosekuzzjoni fis-sens li stqarr minn ghand min huwa kien jixtri d-droga Eroina. Qal li din il-persuna kienet imlaqqma il-Kamajju. Stqarr li dan hu jaghtih sa ghoxrin pakkett Eroina f'daqqa u hu kien jbieghhom ghal prezz ta'ghaxar liri 'l wiehed. Ikkonferma li gieli biegh sitt pakketti kuljum u gieli zewg pakketti. Stqarr li huwa ma kien jaqla xejn minn kull bejgh izda kien jaghtih d-droga ghalih b'xejn. Qal li kien jiehu zewg pakketti b'xejn ghal kull hamsa li kien ibiegh. Huwa dam ibiegh d-droga ghal perjodu ta'sena w nofs.

L-imputat gie mistoqsi jaghti dettalji ta' din il-persuna mlaqqma l-Kamajju u hu qal li kien jisimha Leli Cutajar, li hu Malti, jghix l-Mellieha, ta' cirka hamsa w hamsin sena, bil-mustacci u Ghawdex kellu flat mikri lilu fuq il-*pitch* tal-*waterpolo* ta' Marsalforn. Spjegalu wkoll li kien jaf lil dan Leli Cutajar kien xtara zewg garaxxijiet art u saqaf f'Ghajnsielem w irranga wiehed minnhom biex jghix fih. Zied jghid li dan ghandu landrover ta' kulur ahmar un-numru tat-telefon tieghu hu 550381.

L-imputat gie mistoqsi minn fejn Leli Cutajar kien igib d-droga u hu wiegeb li kien izommha fil-miftuh fil-hitan ta' hdejn Popeye Village fil-vicinanzi ta' barriera. Qal li f'Ghawdex, d-droga kien izommha mohbija go xi ghalqa ta' wiehed jismu Joe, maghruf bhala l-Beattle, li ghandu ftit taz-zmien, bejn il-Qala w in-Nadur.

Mistoqsi jekk kienx ibiegh wkoll xi droga haxixa, l-imputat wiegeb fin-negattiv.

Illi dawn il-provi ma gewx kontradetti mill-imputat f'ebda stadju tal-proceduri w ghalhekk, a bazi tal-istess, **il-Qorti tiddikjara li qed issibu hati tal-akkuza ta' pussess ta' droga Eroine u tal-pjanta cannabis u li pprokura u spacca l-istess droga Eroina, filwaqt li tiddikjara li ma ssibux hati ta' spacc tad-droga Cannabis**.

Dwar l-akkuza ta’ recidiva, il-Qorti nnutat li fil-process hemm esibiti zewg sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati markati bhala dokumenti NH 2 u NH 3 [fol 30 et seq] pero dawn ma gewx konfermati fil-konfront tal-imputat odjern peress li l-prosekuzzjoni giet ezentata b’verbal tad-difiza datat l-ewwel ta’ April 2004 milli tressaq xhieda dwar l-identita tal-istess imputat fiz-zewg sentenzi [fol 3], f’liema zewg sentenzi l-imputat kien instab hati f’wahda ta’ pussess ta’droga Eroina u gie kkundannat ghal hlas ta’ multa ta’ mitejn lira maltin u fl-ohra u cioe dik ta’ serq aggravat, fejn gie kkundannat sebgha xhur prigunerija.

Ai fini ta’ piena, il-Qorti rat li l-imputat ikkopera mal-pulziija ezekuttiva sa mill-bidu nett tal-investigazzjoni kif jirrizulta minn ezami tal-istqarrija rilaxxjata minnu stess li tinsab esibita fl-atti u li kixef s-sors minn fejn kien jixtri d-droga b’mod dettaljat hafna w ghalhekk ghandu jibbenefika mill-artikolu 29 tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**Il-Qorti** ghalhekk, wara li rat l-artikoli tal-ligi, partikolarment r-regoli 4, 6 u 8 tar-Regoli tas-sena 1939 ghal Kontrol Intern ta’ Drogi Perikoluzi 292/1939 kif susswegwentement emendati bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, **tiddecidi li ssib lil imputat FRANKIE AXIAQ hati ta’ pussess ta’ droga Eroina u Cabnnabis u ta’traffikar tad-droga Eroina u tikkundannah ghal piena karcerarja ta’ sentejn u nofs olte multa ta’ hames mitt [500] lira maltin filwaqt li tiddikjara li ma ssibux hati tal-akkuza ta’ traffikar tad-droga Cannabis, mill-liema akkuza qed tilliberah.**

**Dwar it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-imputat jhallas l-ispejjes konnessi mal-hatra ta' espert ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9, il-Qorti rat li ebda espert ma gie nominat fil-kors tal-kumpilazzjoni w ghalhekk, in linea mas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija v Trevor Zahra deciza nhar d-disgha w ghoxrin ta' Jannar, 1996, tichad tali talba.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------